**5 ta' Diċembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Joseph Hili bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Carmelo Caruana Shipping Agency Limited

*versus*

Kaptan Ioannis Argiris bħala kaptan u in rappreżentanza tal-vapur Penelope maqbud Malta permezz tal-mandati ta' qbid u ta' impediment ta' partenza numri 51/84 u 50/84 rispettivament, u in rappreżentanza ta' Amismar Maritime Co., armaturi ta' l-istess vapur

**Tariffa ta' Aġenti tal-Vapuri - Armatur**

*L-attur aġixxa b'suċċess biex jirkupra kontra bastiment kreditu konsistenti fi sborsi u serviġi.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur *nomine*, wara li ppremetta li hu għamel spejjeż fl-interess u fuq ordni tal-konvenut *nomine* u rrendilu serviġi, b'kollox ammontanti għas-somma ta' Lm13,165.27,5 (tlettax-il elf, mija u ħamsa u sittin lira, sebgħa u għoxrin ċenteżmu u ħames milleżmi), kif jirriżulta dettaljatament mill-prospett esebit Dok. A; u billi l-konvenut *nomine*, interpellat, ma ħallasx; u billi dan id-debitu hu ċert, likwidu u skadut u, fil-fehma ta' l-attur *nomine*, il-konvenut *nomine* ma għandu ebda eċċezzjoni valida x'iġib kontra t-talba ta' l-attur *nomine* (affidavit Dok. B), u għalhekk jikkonkorru ċ-ċirkostanzi previsti mill-artikoli 165 sa 167 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili; l-istess attur *nomine* talab li din il-Qorti, b'dispensa mis-smiegħ u *ai termini* ta' l-artikoli 165 sa 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, tikkundannah iħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm13,165.27,5 fuq imsemmija, bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra tiegħu, inklużi dawk tal-mandati ta' impediment u ta' qbid ta' bastiment tad-9 ta' jannar, 1984;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur, il-lista tax-xhieda tiegħu, kif ukoll id-dokumenti A u B esebiti minnu;

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Jannar, 1984, il-konvenut ġie mogħti permess jikkontesta l-kawża;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-istess konvenut li biha eċċepixxa:

Illi huwa qatt ma ingħata l-kont li qed tippretendi s-soċjetà attriċi, li rah l-ewwel darba fil-ġurnata ta' l-appuntament tal-

kawża;

Huwa mhux infurmat sewwa mill-armaturi tal-vapur u għalhekk jikkontesta parti mill-kont filwaqt li parti oħra minnu hija ammessa, kif jidher dettaljatament fid-dikjarazzjoni infraskritta;

Rat l-imsemmija dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Eżaminat il-provi li nġabru, kemm f'din il-kawża u kemm fil-kawża fl-istess ismijiet, Ċitaz. nru. 274/84, li qiegħda tiġi deċiża ukoll fl-udjenza tal-lum;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi l-partiti ndikati fuq il-prospett a fol. 5 tal-proċess, bin-numri 1, 2, 3, 5, 6, 7, 11, 12, 13, 14, 16, 17 u 20, ġew ammessi mill-konvenut, wara li hu vverifika l-irċevuti relattivi (ara verbal a fol. 24). Il-partiti ndikati bin-numru 4, 9, 18 u 19 ġew prattikament ammessi mill-konvenut b'verbal redatt fl-udjenza tat-3 ta' Diċembru, 1984;

Illi, dwar il-partita bin-numru 15, ċjoè flus kontanti avvanzati lill-konvenut, fil-kwalità tiegħu ta' Kaptan, l-istess konvenut jammetti li rċieva biss is-somma ta' Lm2,500 (elfejn u ħames mitt lira). L-attur jippretendi li avvanzalu mitt lira oħra, però hu naqas li jġib provi dwar din l-allegazzjoni tiegħu, li għalhekk, in vista tal-konflitt fil-provi, ma tistax tintlaqa';

Illi, wara li xehdu f'din il-kawża Anthony Micallef u

Anthony Demicoli (li rispettivamnt ipprovdew *transport* u *survey* lill-konvenut *nomine* b'inkarigu ta' l-attur). l-istess attur *nomine* rriduċa t-talba komplessiva tiegħu bis-somma ta' Lm391.71,0 (ara fol. 28), in vista li għal dawn is-servizzi, l-attur fiċ-ċitazzjoni kien qed jitlob somma akbar minn dik realment dovuta. Wara tali riduzzjoni hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-ammonti bilanċjali għall-istess servizzi ġew adegwatament ippruvati;

Illi għalhekk is-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni trid titnaqqas, in forza taż-żewġ paragrafi preċedenti bis-somma komplessiva ta' Lm491.71,0 (erba' mija, wieħed u disgħin lira u wieħed u sebgħin ċenteżmu);

Illi jibqa' l-aħħar partita li qiegħda tiġi in parti kkonstatata mill-konvenut u ċjoè s-somma ta' Lm3,215 dovuta bħala *agency remuneration*. L-attur ibbaża ruħu fuq it-*tariff of agency fees*, stabbilita mill-Association of Ship Agents, li kopja tagħha ġiet esebita mis-segretarju ta' l-istess assoċjazzjoni, Karl Gollcher. L-attur xehed li l-istess tariffa kien ġabha a konjizzjoni tas-soċjetà armatriċi tal-vapur in kwistjoni, kif jagħmel fi kwalunkwe każ. Irriżulta li l-vapur in kwistjoni (li hu ta' 1913 N.R.T.), jaqa' taħt it-tielet paragrafu ta' l-imsemmija tariffa, li tistabbilixxi dritt ta' Lm95 għall-ewwel jum u Lm30 għal kull jum ieħor wara l-ewwel jum. Irriżulta li l-vapur daħal Malta fl-20 ta' Settembru, 1983 u l-aġenti tal-vapur, ċjoè l-attur, mill-ewwel bdew jaqdu d-doveri tagħhom a favur il-vapur;

Illi l-konvenut *nomine* jammetti li l-attur irrendilu s-serviġi ta' aġent ta' vapur sas-17 ta' Novembru, 1983. Però, isostni li t-tariffa hi esaġerata u li wara dik id-data l-attur la avvanzalu flus meta talbu u lanqas ma rrenda lill-vapur ebda serviġi oħra;

Illi kwantu għall-allegazzjoni li t-tariffa msemmija hija esaġerata, fil-fehma tal-Qorti, ġie ppruvat li, effettivament, dik it-tariffa inkarigat mill-assoċjazzjoni ta' l-aġenti tal-vapuri, ġiet *in vigore* fl-1 ta' Ġunju, 1982 u li torbot lill-aġenti in kwistjoni li josservawha. Irriżulta ukoll li l-attur ġabha *a tempo debito* a konjizzjoni ta' l-armaturi u la dawn ma jirriżultax li għamlu ebda oġġezzjoni għaliha, isegwi li kienu marbutin li jħallsu lill-attur id-drittijiet indikati fl-istess tariffa;

Illi kwantu għall-allegazzjoni tal-konvenut *nomine* li mhux tenut iħallas ebda drittijiet lill-attur għall-perijodu susseġwenti għas-17 ta' Novembru, 1983, fil-fehma tal-Qorti, din l-allegazzjoni mhix legalment sostenibbli. Infatti, irriżulta li meta s-sidien jew l-armaturi tal-vapur ma baghtux flus lill-attur, dan irrifjuta li jkompli javvanza flus minn butu lill-Kaptan;

Illi, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti ma ssibx l-operat ta' l-attur ċensurabbli għaliex tirritjeni li l-inadempjenza ġejja mis-sidien u/jew l-armaturi tal-vapur u mhux *vice versa*. Irriżulta ukoll, mix-xhieda ta' l-attur, li wara dik id-data hu baqa' jħallas diversi kontijiet għan-nom ta' l-armaturi u baqa' dejjem jidher bħala l-aġent responsabbli ma' l-awtoritajiet Maltin. Dana jfisser li l-attur ma rrinunzjax għall-mandat, la espressament u lanqas taċitament. Il-konvenut *nomine*, mill-banda l-oħra, ma allegax, u wisq anqas ipprova li hu jew l-armaturi qatt itterminaw il-mandat favur l-attur skond il-liġi. Għalhekk isegwi li l-attur għandu dritt jitħallas għall-*agency fees* pretiżi minnu;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine* limitatament għas-somma ta' Lm12,673.56,5 (tnax-il elf, sitt mija u tliet u sebgħin lira, sitta u ħamsin ċenteżmu u ħames

millieżmi) - bl-imgħaxijiet mid-9 ta' Jannar, 1984;

L-ispejjeż jitħallsu kwantu għal sitta u disgħin fil-mija (96%) mill-konvenut *nomine* u kwantu għar-rimanenti erbgħa fil-mija (4%) mill-attur *nomine*; u b'dan li kwantu biss għas-somma ta' Lm8,720.27,5 (tmint elef, sebgħa mija u għoxrin lira, sebgħa u għoxrin ċenteżmu u ħames millieżmi), il-kawża għandha tiġi ntaxxata bħala ammessa.